

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili Suċċessjonijiet](#) > France

## Suċċessjonijiet

Franza



Franza

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 78 (a) - l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti b'għurizdizzjoni biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 45(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 50(2)

Ir-rikorsi msemmija fl-Artikolu 45 għandhom jiġu ppreżentati lid-direttur tar-reġistru (*directeur de greffe*) tal-qorti kkombinata (*tribunal judiciaire*) (l-Artikoli 509-1 u 509-2 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*code de procédure civile*)) meta jkunu relatati ma' deċiżjoni jew tranżazzjoni ġudizzjarja u lill-president tal-Kamra tan-Nutara (*chambre des notaires*), jew is-sostitut tiegħu f'każ ta' assenza jew impediment, meta r-rikors ikun jikkonċerna strument awtentiku (l-Artikolu 509-3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-awtorità li quddiemha għandhom jiġu ppreżentati l-appelli msemmija fl-Artikolu 50(2) hija l-president tal-qorti kkombinata (l-Artikolu 509-9 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-Artikolu 78 (b) - il-proċeduri ta' biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 51

Deċiżjoni mogħtija mill-president tal-qorti kkombinata fuq appell tista' tiġi kkontestata biss billi jiġi ppreżentat appell fuq punt ta' dritt (*pourvoi en cassation*) quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni (*Cour de cassation*).

Ir-raġunijiet għal appell fuq punt ta' dritt jistgħu jvarjaw (deċiżjoni li tikser il-liġi, użu ħażin tal-poter, nuqqas ta' għurizdizzjoni, nuqqas ta' bażi ġuridika, nuqqas ta' raġunijiet legali, sentenzi kontradittorji, eċċ.) iżda f'kull każ il-qorti għandha tillimita ruħha għal sħarriġ tal-applikazzjoni tal-liġi. Għalhekk, il-Qorti tal-Kassazzjoni tivverifika li d-deċiżjoni ma kisritx il-liġi jew li ma injorax l-istat tad-dritt, iżda ma teżaminax il-fatti tal-kawża.

La Cour de cassation

5 quai de l'horloge

75055 Paris

L-Artikolu 78 (c) - informazzjoni rilevanti rigward l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 64

lċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĊES) jinħareġ minn nutar.

Il-Kunsill Superjuri tan-Nutara (*Conseil supérieur du notariat*) huwa l-korp inkarigat mis-sorveljanza tan-nutara professjonali fi Franza.

Conseil supérieur du notariat

60 boulevard de la Tour-Maubourg

75007 Paris

Kuntatt <https://www.notaires.fr/en>

## L-Artikolu 78 (d) - il-proċeduri ta' rimedju msemija fl-Artikolu 72

Kontestazzjoni tat-tip imsemija fl-Artikolu 72 tista' titressaq quddiem il-president tal-qorti kkombinata li għandha ġuriżdizzjoni fiż-żona fejn ikun jinsab in-nutar (l-Artikolu 1381-4 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Jista' jiġi ppreżentat rikors fi żmien 15-il jum mill-ħruġ jew min-notifika tal-kopja ċċertifikata taċ-ĊES jew mir-riċeviment tad-deċiżjoni dwar iċ-ĊES.

Il-president tal-qorti kkombinata jagħti deċiżjoni finali dwar ir-rikors. Ir-rikorrent, in-nutar li jkun ħareġ iċ-ċertifikat, u, jekk ikun il-każ, il-parti li tkun talbet iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jekk ma tkunx ir-rikorrent, jinstemgħu jew jitħarrku. In-nutar jiġi infurmat bid-deċiżjoni.

Meta l-president tal-qorti jordna l-ħruġ, ir-rettifika jew il-modifika taċ-ċertifikat, jista' jieħu l-passi neċessarji hu stess jew jitlob lin-nutar biex jagħmel dan.

Jekk il-president tal-qorti jordna l-irtirar taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jew is-sospensjoni tal-effetti tiegħu, in-nutar jinforma mingħajr dewmien lill-persuni kollha li jkunu nħarġulhom kopji ċċertifikati. Ma tista' tinħareġ l-ebda kopja taċ-ċertifikat waqt il-perjodu ta' sospensjoni tal-effetti tiegħu.

## L-Artikolu 79 - Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-list li fiha l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 3(2)

Mhux applikabbli

■ L-aħħar aġġornament: 22/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.